Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 361/2004

**Blokrete Limited**

**vs**

**Francis Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut Francis Abela quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u tlett Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM2,3030.2600,0), rapprezentanti l-valur ta' varji konsenji ta' "concrete ready mix, T. Beams, roof blocks, bricks" u materjal ghall-bini iehor, mibjugha u konsenjati lilu mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu stess;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta' Ottubru tas-sena 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata t-23 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti;

1. Illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut mill-eccipjent;

Rat il-verbal taghha datat it-13 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu, wara talba appozita tar-rapprezentant tal-konvenut, ikkoncediet it-terminu hemm indikat biex l-istess konvenut ikun jista' jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat il-verbal datat l-24 ta' Mejju tas-sena 2005 u wara li r-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici ma oggezzjonax ghat-tardivita' riskontrata fil-presentazzjoni tan-nota ta' l-eccezzjonijiet de quo, ddikjarat li kienet qed tikkonsidra n-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-23 ta' Mejju tas-sena 2005 bhala wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tas-socjeta' attrici;

Tirrileva li la l-konvenut u lanqas ir-rapprezentant legali ma pprezentaw ruhhom fl-udjenza appozitament rizervata ghal din it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fost affarijiet ohra s-socjeta' attrici timmanifattura l-konkos fi kwalunkwe forma, (ara fol 55);

2. Illi kif jirrizulta mill-analizi strutturat ipprezentat mis-socjeta' attrici din l-istess socjeta' kienet tforni lill-konvenut b'konkos, zrar, "bricks" u travi fil-perjoduc ininterrott bejn it-23 ta' Novembru tas-sena 2000 sa l-1 ta' Ottubru tas-sena 2001, (ara fol 34 et sequitur);

3. Illi kif isostni l-istess konvenut jidher li dan hallas xi ammonti minnu dovuti lis-socjeta' attrici u kien that l-impressjoni li ma kellux ihallas aktar, (ara fol 67);

4. Illi pero' meta f'diversi okkazjonijiet ohra sussegwenti intalab biex ihallas il-kumplament minnu dovut jidher li adotta atitudini dilatorja billi f'dekazzjonijiet minnhom kien jassigura lill-"accountant" tas-socjeta' attrici li kien jikkuntattjah li kien ser ihallas f'qasir zmien; f'okkazjonijiet ohra kien jitolbu jiehu pacenzja u f'okkazjnijiet ohra kien konvenjentement isostni li kellu sitwazzjoni familjari prekarja u peress li d-dokumentazzjoni tieghu kienu fil-pussess tal-mara tieghu, hu ma kellux access ghalih u allura kien impossibbli ghalih li jaghmel il-verifiki tieghu fir-rigward;

5. Illi skond l-istess "accountant" tas-socjeta' attrici l-konvenut kien mitlub ihallas l-ammont minnu dovut sa tlett (3) gimghat qabel giet intavolata l-kawza odjerna, (ara fol 32);

6. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici hu abbundantement kjarifikat fid-dokumentazzjoni minnha pprezentata u jirrizulta li ghadu dovut lilha;

Ikkunsidrat:

Illi in sosten tad-difiza tieghu il-konvenut jistrieh fuq is-segwenti:

1. Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici bl-eghluq ta' tmintax –il xahar, kif postulat fl-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili; u

2. L-ammont mhux dovut;

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu ghat-tieni eccezzjoni jirrizulta abbundantement assodat mid-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta' attrici li l-ammont minnha pretiz jirrigwarda konsenji hemm indikati ikkonsenjati lill-konvenut, li ghalihom l-istess socjeta' attrici baqghet ma gietx risarcita;

Illi del resto dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' l-"accountant" tas-socjeta' attrici izda kemm mid-dokumenti minnha pprezentati u mix-xhieda ta' l-istess konvenut;

Illi konsegwentement din il-qorti qed tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsdirat:

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet konsistenti fir-rigward ta' l-interessi taghha billi dejjem baqghet tigri wara dak dovut lilha;

Illi in effetti jirrizulta li mhux biss kein hemm kuntatt kontinwu u regolari bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut fir-rigward izda sahansitra, li l-ahhar attentat kien ake sar sa ftit zmien qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna;

Illi jidher ovvju l-attentat tal-konvenut li bl-azzjoni makakka tieghu qd jipprova jizloq mir-responsabbilitajiet tieghu – bhal ma jidher li ghamel f'qasam iehor forsi ferm aktar delikat;

Illi ta' dan, din il-qorti stgrit li tirrifjuta tkun partecipi f'din il-messa in xena skandaluza u tikkundannaha;

Illi ghalhekk, anke biex jigi evitat dilungar inutili, qed tirrespingi wkoll l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut stante li l-perjodu preliminari tal-konvenut stante li l-perjodu sollecitat mill-konvenut ma ghaddiex u allura d-drittijiet tas-socjeta' attrici ghadhom vigenti;

Ghaldaqstant, din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Francis Abela ghandu jaghti l-ammont ta' elfejn tlett mija u tlett Liri Maltin u sitta u ghoxrin centzmu, (Lm2,303.26,0), rapprezentanti varji konsenji ta' "concrete ready mix, T-Beams, roof blocks, bricks u materjal iehor mibjugh u konsenjat lilu mis-socjeta' de quo;

2. Tikkundanna lill-konvenut fuq indikat biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-prezentata senjatament, l-1 ta' Lulju tas-sena 2004.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------